II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/698

tad-30 ta' April 2021

dwar is-sigurtà tas-sistemi u s-servizzi skjerati, operati u użati taħt il-Programm Spazjali tal-Unjoni li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/496/PESK

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi

(1) B'kunsiderazzjoni, b'mod partikolari, tad-dimensjoni strateġika, tal-kopertura reġjonali u globali u tal-użu multiplu tagħha, is-Sistema Globali Ewropea ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS, *Global Navigation Satellite System*) tikkostitwixxi infrastruttura sensittiva li l-iskjerament u l-użu tagħha huma suxxettibbli li jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

(2) Fejn is-sitwazzjoni internazzjonali tirrikjedi azzjoni operattiva mill-Unjoni u fejn l-operazzjoni tal-GNSS tista' taffettwa s-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, jew fil-każ ta' theddida għall-operazzjoni tal-GNSS, jenħtieġ li l-Kunsill jiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa li jkollhom jittieħdu.

(3) Għal din ir-raġuni, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/496/PESK ([1]).

(4) Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni (il-"Programm") u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (l-"Aġenzija"). L-Artikolu 3 tiegħu jipprevedi li l-Programm jikkonsisti f'ħames komponenti: sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita (Galileo); sistema reġjonali tan-navigazzjoni bis-satellita (EGNOS); sistema għall-osservazzjoni tad-Dinja (Copernicus); sistema ta' sorveljanza spazjali u ta' traċċar ikkomplementata b'parametri ta' osservazzjoni relatati mat-temp spazjali u l-oġġetti qrib id-Dinja ("għarfien tas-sitwazzjoni spazjali"); u servizz ta' komunikazzjoni bis-satellita (GOVSATCOM).

(5) It-teknoloġija, id-data u s-servizzi spazjali saru indispensabbli għall-ħajja ta' kuljum tal-Ewropej u jaqdu rwol essenzjali biex jiġu mħarsa bosta interessi strateġiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Barra minn hekk, is-sistemi u s-servizzi relatati mal-ispazju, minnhom infushom, huma miri potenzjali għat-theddid għas-sigurtà.

(6) Firxa ta' theddid potenzjali għall-interessi essenzjali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha tista' tirriżulta mill-iskjerament, l-operazzjoni u l-użu ta' kull wieħed mill-komponenti tal-Programm. Għalhekk huwa xieraq li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2014/496/PESK jiġi estiż għas-sistemi u s-servizzi stabbiliti taħt dawk il-komponenti

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/496/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 dwar aspetti tal-iskjerament, l-operazzjoni u l-użu tas-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita li jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni Ewropea u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK (ĠU L 219, 25.7.2014, p. 53).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ara l-paġna 69 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

li ġew determinati bħala sensittivi għas-sigurtà mill-konfigurazzjoni tas-sigurtà tal-kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 107(1)(e) tar-Regolament (UE) 2021/696 u filwaqt li jitqiesu d-differenzi bejn il-komponenti tal-Programm, b'mod partikolari fir-rigward tal-awtorità u l-kontroll tal-Istati Membri fuq is-sensuri, is-sistemi jew kapaċitajiet oħra rilevanti għall-Programm.

(7) Kien hemm x'titgħallem mill-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2014/496/PESK fis-snin reċenti. Għalhekk jenħtieġ li l-proċedura operazzjonali prevista fid-Deċiżjoni 2014/496/PESK tiġi adattata skont dan.

(8) Informazzjoni u għarfien espert dwar jekk avveniment relatat ma' sistema jew servizz relatati mal-ispazju jikkostitwixxux theddida għall-Unjoni, għall-Istati Membri jew għal sistemi u servizzi relatati mal-ispazju jenħtieġ li jiġu pprovduti lill-Kunsill u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli ") mill-Aġenzija jew mill-istruttura rilevanti ddeżinjata, fejn xieraq, biex timmonitorja s-sigurtà ta' sistema stabbilita, jew ta' servizz ipprovdut, taħt komponent tal-Programm skont l-Artikolu 34(4) tar-Regolament (UE) 2021/696 ("struttura nominata għall-monitoraġġ tas-sigurtà"), jew mill-Istati Membri jew mill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, pajjiżi terzi jistgħu jipprovdu tali informazzjoni wkoll.

(9) Jenħtieġ li r-rwoli rispettivi tal-Kunsill, tar-Rappreżentant Għoli, tal-Aġenzija, ta' kwalunkwe struttura nominata għall-monitoraġġ tas-sigurtà u tal-Istati Membri jiġu ċċarati fi ħdan il-katina ta' responsabbiltajiet operazzjonali li għandha tiġi stabbilita sabiex ikun hemm reazzjoni għal theddida għall-Unjoni, għall-Istati Membri jew għal kwalunkwe waħda mis-sistemi u s-servizzi stabbiliti taħt il-Programm.

(10) L-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2021/696 jistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà globali għall-implimentazzjoni tal-Programm, inkluż fil-qasam tas-sigurtà. Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tiddefinixxi r-responsabbiltajiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentant Għoli biex jiġi evitat theddid li jirriżulta mill-iskjerament, l-operazzjoni u l-użu ta' sistemi u servizzi relatati mal-ispazju, jew fil-każ ta' theddida għal dawk is-sistemi jew servizzi.

(11) F'dan ir-rigward, ir-referenzi bażiċi għat-theddid jinsabu fid-Dikjarazzjonijiet dwar ir-Rekwiżiti ta' Sigurtà Speċifiċi għal Sistema li fihom it-theddidiet ġeneriċi ewlenin li għandhom jiġu indirizzati minn kull komponent tal-Programm, u l-Pjanijiet għas-Sigurtà tas-Sistema rispettivi li jinkludu r-reġistri ta' riskju tas-sigurtà stabbiliti fil-proċessi ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà għal kull komponent. Dawk ir-referenzi bażiċi se jservu bħala referenzi biex jidentifikaw it-theddidiet li għandhom jiġu ttrattati speċifikament minn din id-Deċiżjoni u biex jikkompletaw il-proċeduri operazzjonali għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(12) F'każijiet ta' urġenza jista' jkollhom jittieħdu deċiżjonijiet fi żmien ftit sigħat minn meta tasal informazzjoni dwar theddida. Jekk iċ-ċirkostanzi ma jippermettux li l-Kunsill jieħu deċiżjoni sabiex tiġi evitata theddida jew biex tiġi mitigata ħsara serja għall-interessi essenzjali tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, jew f'każ ta' theddida għas-sistemi jew servizzi relatati mal-ispazju, jenħtieġ li r-Rappreżentant Għoli jkun ingħata s-setgħa li joħroġ l-istruzzjonijiet proviżorji meħtieġa. F'tali ċirkostanzi, jenħtieġ li l-Kunsill jiġi informat immedjatament u jirrieżamina l-istruzzjonijiet proviżorji mill-aktar fis possibbli.

(13) F'konformità mal-Artikolu 34(5)(b) tar-Regolament (UE) 2021/696, l-Aġenzija, fil-qasam tar-responsabbiltà tagħha, għandha tiżgura l-operazzjoni taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo (GSMC, *Galileo Security Monitoring Centre*) skont ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu u l-istruzzjonijiet żviluppati fl-ambitu ta' din id-Deċiżjoni. F'konformità mal-Artikolu 79(1)(j) tar-Regolament (UE) 2021/696, id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għandu jiżgura li l-Aġenzija, bħala l-operatur tal-GSMC, tkun kapaċi tirrispondi għal struzzjonijiet ipprovduti taħt din id-Deċiżjoni.

(14) L-istrutturi nominati rilevanti għall-monitoraġġ tas-sigurtà jenħtieġ li joperaw f'konformità mar-rekwiżiti ta' sigurtà msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) 2021/696 u mal-istruzzjonijiet żviluppati taħt din id-Deċiżjoni.

(15) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) tistabbilixxi r-regoli li taħthom l-Istati Membri, il-Kunsill, il-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, l-aġenziji tal-Unjoni, Stati terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jaċċedu għas-servizz pubbliku regolat ipprovdut mis-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita stabbilita taħt il-programm Galileo. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE, il-GSMC jipprovdi l-interfaċċa operattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti tas-servizz pubbliku regolat, il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli u ċ-ċentri ta' kontroll,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-responsabbiltajiet li għandhom jiġu eżerċitati mill-Kunsill u mir-Rappreżentant Għoli:

(a) biex tiġi evitata theddida għas-sigurtà tal-Unjoni jew għal xi wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha jew biex tiġi mitigata ħsara serja għall-interessi essenzjali tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha li tirriżulta mill-iskjerament, l-operazzjoni jew l-użu ta' sistemi stabbiliti, u servizzi pprovduti, taħt il-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni (il-"Programm"); jew

(b) fil-każ ta' theddida għall-operazzjoni ta' kwalunkwe waħda minn dawk is-sistemi jew għall-forniment ta' dawk is-servizzi.

2. Fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, għandu jittieħed kont debitu tad-differenzi bejn il-komponenti tal-Programm, b'mod partikolari fir-rigward tal-awtorità, u l-kontroll, tal-Istati Membri fuq is-sensuri, is-sistemi jew kapaċitajiet oħra rilevanti għall-Programm.

Artikolu 2

(1) Fil-każ ta' tali theddida, l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (l-"Aġenzija") jew kwalunkwe struttura nominata għall-monitoraġġ tas-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 34(4) tar-Regolament (UE) 2021/696 ("struttura nominata għall-monitoraġġ tas-sigurtà"), kif ikun adatt, għandhom jinfurmaw immedjatament lir-Rappreżentant Għoli bl-elementi kollha għad-dispożizzjoni tagħhom li huma jqisu rilevanti.

2. Ir-Rappreżentant Għoli għandu immedjatament jinforma lill-Kunsill bit-theddida u bl-impatt potenzjali tagħha fuq is-sigurtà tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha u dwar l-operazzjoni tas-sistemi jew il-forniment tas-servizzi kkonċernati.

Artikolu 3

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli, għandu jiddeċiedi dwar l-istruzzjonijiet meħtieġa lill-Aġenzija jew lil kwalunkwe struttura nominata għall-monitoraġġ tas-sigurtà, kif ikun adatt.

2. L-Aġenzija jew l-istruttura nominata rilevanti għall-monitoraġġ tas-sigurtà u l-Kummissjoni għandhom jipprovdu pariri lir-Rappreżentant Għoli dwar l-impatt usa' probabbli fuq is-sistemi stabbiliti, u s-servizzi pprovduti, taħt il-komponenti tal-Programm ta' kwalunkwe istruzzjoni li r-Rappreżentant Għoli jkollu l-ħsieb li jipproponi lill-Kunsill skont il-paragrafu 1.

3. Il-proposta mir-Rappreżentant Għoli msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi valutazzjoni tal-impatt tal-istruzzjonijiet proposti.

4. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) għandu jagħti opinjoni lill-Kunsill dwar kwalunkwe istruzzjoni proposta, kif ikun adatt.

([3]) Id-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar ir-regoli ta' aċċess għas-servizz pubbliku regolat offrut mis-sistema dinjija ta ' navigazzjoni bis-satellita li ġiet stabbilita taħt il-programm Galileo (ĠU L 287, 4.11.2011, p. 1).

Artikolu 4

1. Jekk l-urġenza tas-sitwazzjoni titlob li tittieħed azzjoni immedjata qabel ma l-Kunsill ikun ħa deċiżjoni taħt l-Artikolu 3(1), ir-Rappreżentant Għoli huwa awtorizzat joħroġ l-istruzzjonijiet proviżorji meħtieġa lill-Aġenzija jew lill-istruttura nominata rilevanti għall-monitoraġġ tas-sigurtà. Ir-Rappreżentant Għoli jista' jinkariga lis-Segretarju Ġenerali tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex joħroġ tali istruzzjonijiet lill-Aġenzija jew lill-istruttura nominata rilevanti għall-monitoraġġ tas-sigurtà f'isem ir-Rappreżentant Għoli.

2. Ir-Rappreżentant Għoli għandu minnufih jinforma lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'kull istruzzjoni maħruġa skont il-paragrafu 1.

3. Il-Kunsill għandu jikkonferma, jimmodifika jew jirrevoka l-istruzzjonijiet proviżorji tar-Rappreżentant Għoli kemm jista' jkun malajr.

4. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jżomm dawk l-istruzzjonijiet proviżorji taħt rieżami kostanti, jemendahom kif ikun adatt jew jirrevokahom jekk ma tkunx għadha aktar meħtieġa azzjoni immedjata. Fi kwalunkwe każ, l-istruzzjonijiet proviżorji għandhom jiskadu erba' ġimgħat wara li jinħarġu, jew b'deċiżjoni mill-Kunsill skont il-paragrafu 3.

Artikolu 5

1. Fi żmien sena wara li l-konfigurazzjoni tas-sigurtà tal-kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 107(1)(e) tar-Regolament (UE) 2021/696 tkun iddeterminat, abbażi tal-analiżi tar-riskji u t-theddid li ssir mill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) 2021/696, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 107(3) tiegħu, jekk sistema stabbilita jew servizz ipprovdut, jew it-tnejn, taħt komponent partikolari tal-Programm humiex sensittivi mil-lat tas-sigurtà, ir-Rappreżentant Għoli għandu jħejji, u jressaq għall-approvazzjoni lill-KPS, il-proċeduri operazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni prattika tad-dispożizzjonijiet li jinsabu f'din id-Deċiżjoni fir-rigward tas-sistema jew servizz ikkonċernati, jew tat-tnejn. Għal dak il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun appoġġat minn esperti mill-Istati Membri, mill-Kummissjoni, mill-Aġenzija u mill-istruttura nominata rilevanti għall-monitoraġġ tas-sigurtà, kif ikun adatt.

2. Il-proċeduri operazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu istruzzjonijiet predefiniti li għandhom jiġu implimentati mill-Aġenzija jew minn kwalunkwe struttura nominata rilevanti għall-monitoraġġ tas-sigurtà, kif ikun adatt.

3. Il-proċeduri operazzjonali għandhom jiġu rieżaminati mir-Rappreżentant Għoli mill-inqas kull sentejn, b'mod partikolari bħala riżultat ta' proċess ta' rieżami tat-tagħlimiet meħuda wara eżerċizzju annwali dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, jew fuq talba ta' Stat Membru, u għandhom jiġu ppreżentati lill-KPS għall-approvazzjoni.

4. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jinforma lill-KPS mill-inqas darba fis-sena dwar l-attivitajiet li jkunu kurrenti u li jsiru bil-għan tal-implimentazzjoni prattika ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 6

1. F'konformità ma' ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni jew mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, inklużi dawk li jagħtu aċċess għas-servizz pubbliku regolat taħt l-Artikolu 3(5) tad-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE, ir-Rappreżentant Għoli jkollu l-awtorità li jikkonkludi arranġamenti amministrattivi ma' Stati terzi dwar kooperazzjoni għall-fini tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Tali arranġamenti għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-Kunsill li jagħixxi b'mod unanimu.

2. Jekk tali arranġamenti jkunu jirrikjedu aċċess għal informazzjoni klassifikata tal-Unjoni, ir-rilaxx jew l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata għandu jkun approvat f'konformità mar-regoli tas-sigurtà applikabbli.

Artikolu 7

Il-Kunsill għandu jirrieżamina u, kif meħtieġ, jemenda r-regoli u l-proċeduri li jinsabu f'din id-Deċiżjoni mhux aktar tard minn tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, jew fuq talba ta' Stat Membru.

Artikolu 8

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-qasam tar-responsabbiltà rispettiva tagħhom, f'konformità, inter alia, mal-Artikolu 34(6)(a) tar-Regolament (UE) 2021/696. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw punt jew punti ta' kuntatt biex jassistu fil-ġestjoni operazzjonali ta' theddida. Dawk il-punti ta' kuntatt jistgħu jkunu persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

Artikolu 9

Id-Deċiżjoni 2014/496/PESK hija b'dan imħassra.

Il-proċeduri operazzjonali żviluppati taħt id-Deċiżjoni 2014/496/PESK fir-rigward tas-sistema Galileo għandhom jibqgħu japplikaw sa meta jiġu aġġornati taħt din id-Deċiżjoni.

Artikolu 10

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Magħmul fi Brussell, id-30 ta' April 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. P. ZACARIAS